**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 17 ta' Marzu 2016**

Rikors Guramentat Nru. 377 / 09RGM

Kawza fil-lista: 13

**A B**
**vs**
**C D gia' B D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur A B li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrent u l-intimata zzewgu fil-31 ta' Lulju tas-sena 2001 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla bl-isem ta' E F li ghandha tmien (8) snin;

3. Illi l-intimata irrendiet ruhha hatja ta' adulterju, theddid, sevizzi, ingurji u offizi gravi fil-konfront tar-rikorrent;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimata wkoll qabdet u telqet mid-dar matrimonjali bil-mohbi tar-rikorrent meta dan kien imsiefer u hadet bosta

oggetti mobbli proprjeta' tal-kornunjoni ta' l-akkwisti tant illi meta r-rikorrent wasal lura sab id-dar sprovvista minn bosta oggetti essenzjali;

5. Illi ghar-ragunijiet suesposti unikament imputabbli lill-intimata l-hajja konjugali bejn il-partijiet giet reza impossibbIi;

6. Illi r-rikorrent gie awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Farnilja), datat 23 ta' Ottubru 2009;

Ghaldaqstant, tghid l-intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B / B D b'tort unikament imputabbli lill-mara minhabba adulterju, theddid, sevizzi, ingurji u offizi gravi li hija kkommettiet kontra r-ragel taghha;

2. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet, rnhux neccesarjament ugwali, li jigu assenjati wahda lir-rikorrent u l-ohra lill-intimata, occorrendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun;

3. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E F unikament f'idejn ir- rikorrent jew fin-nuqqas tiffissa access adegwat favur ir-rikorrent;

4. Tiffissa somma adegwata ghall-manteniment tal-minuri E F u tordna sabiex din is-somma tithallas mill-intimata direttament lir-rikorrent f'data ffissata minn din l-Onorabbli Qorti kull xahar;

5. Tawtorizza lir-rikorrent jghix flimkien ma' bintu b'eskluzjoni tal-intimata gewwa d-dar matrimonjali proprjeta' parafernali tar-rikorrent li ggib l-indirizz ta' House 6, Block B, Binja St. Lucia, Mtarfa;

6. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimata iddekadiet mid-dritt taghha tal-manteniment;

7. Tillikwida l-assi parafemali u tassenja l-istess assi lill-partijiet;

8. Tapplika kontra l-intimata s-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C B D li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti tichad b'mod kategoriku l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-attur fir-rikors guramentat tieghu.

2. Illi tindika lil Onor Qorti li giet intavolata kawza fl-ismijiet inversi 381/09/AF C B D vs A B.

3. Illi rigwardanti l-ewwel talba l-esponenti taqbel li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda ghal ragunijiet imputabbli ghall-attur konsistenti f'vjolenza theddid u sevizzi ingurji gravi u mohqrija fil-konfront tal-esponenti u l-wild minuri Kayliegh F li irrendiet il-hajja matrimonjali impossibbli.

4. Illi rigwardanti t-tieni talba hemm qbil.

5. Illi rigwardanti t-tielet talba ma hemmx qbil stante li bil-komportament tieghu wassal sabiex l-access attwali tal-missier qed isir fl-Agenzija Appogg wara digriet ta’ din l-Onor Qorti b’hekk l-kura u kustodja ghandha tigi fdata f'idejn l-esponenti u l-access tal-attur jibqa isehh taht l-kontroll tal-Agenzija Appogg

6. Rigwardanti r-raba’ talba ma hemmx qbil stante li filwaqt li l-attur ghandu mpjieg l-esponenti hi studenta u inoltre ma hemmx qbil li l-minuri ghandha tkun fdata fil-kura u kustodja ta’ missierha.

7. Illi isegwi minn dak kollu li inghad aktar 'l fuq li ma hemmx qbil mal-hames talba.

8. Illi rigwardanti is-sitt talba l-esponenti bl-ebda mod u manjiera ma iddekadiet mid-dritt taghha ghal manteniment. Il-fatt li fl-elenku tax-xhieda l-attur inizzel "Persuni li ghandhom relazzjoni mal-intimata jew li setghu raw lill-intimata ma dawn it-terzi persuni ghall-konferma tal-fatti isimhom mhux maghruf juri kemm din il-kwistjoni ta’ infedelta' hi fissazzjoni bla bazi tal-istess attur.

9. Illi rigwardanti is-seba' talba hemm qbil.

10. Illi ma taqbilx mat-tmien talba.

Rat il-verbal fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2010 fejn il-partijiet qablu illi l-provi migbura fil-kawza ru: 381/09NC (issa RGM) u 377/09NC (issa RGM) jiqiesu bhala provi mismugha fiz-zewg kawzi.[1]

1 Vide Rik Gur Nru 381/09RGM process Volume 1 Fol 92

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits tal-partijiet;

Semghet il-provi bil-gurament;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti taghmel ampja referenza sew ghall-konsiderazzjonijiet ta' fatt kif ukoll ghall-konsiderazzjonijiet ta' dritt kontenuti fiz-zewg sentenzi moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet inversi "C B D vs A B" (381/09RGM) moghtija fit-18 ta' Gunju 2015 u llum 17 ta' Marzu 2016 rispettivament.

**Decide**.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha migjuba f'dawk iz-zewg sentenzi appena citati il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tiddikjara illi l-mertu tal-ewwel talba attrici jinsab gia' deciz bis-sentenza tat-18 ta' Gunju 2015 fl-ismijiet inversi numru 381/09RGM u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba attrici.

(2) Tilqa` t-tieni talba tal-attur fit-termini ta' dak deciz fis-sentenza fl-ismijiet inversi moghtija kontestwalment.

(3) Tiddikjara illi l-mertu tat-tielet talba attrici jinsab gia' deciz bis-sentenza tat-18 ta' Gunju 2015 fl-ismijiet inversi numru 381/09RGM u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba attrici.

(4) Tichad ir-raba` talba tal-attur;

(5) Tilqa` parzjalment il-hames talba tal-attur u tiddikjara illi l-konvenuta m'ghandiex dritt tirrisjedi fid-dar matrimonjali gewwa l-Imtarfa.

(6) Tichad is-sitt talba.

(7) Tilqa` s-seba` talba skond dak deciz fis-sentenza fl-ismijiet inversi moghtija kontestwalment.

(8) Tichad it-tmien talba.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu in kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-attur u kwart (1/4) mill-konvenuta.

**Imhallef** **Deputat Registratur**